MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 249/2011

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti pprezentat u talbet hekk:

Illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta’ Jannar tas-sena 1990 ;

Illi huma sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dottor Liza Camilleri tat-12 ta’ Jannar tas-sena 2005;

Illi jirrizulta mid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni li l-partijiet ilhom separati legalment ghal mill-inqas 4 snin mid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni;

Illi ma hemmx prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din it-talba tissodisfa ir-rekwiziti pretizi mill-Artikolu 66B;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tordna li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Jannar 1990 ghandu jinhall ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi u taghti d-Digriet opportun;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex jinnotifika d-Digriet li permezz tieghu qed jinhall iz-zwieg tal-partijiet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta f' terminu li jigi lilu stabbilit minn din l-istess Qorti sabiex jigi iskritt fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat l-att tal-kawza;

Rat ir-risposta ta' l-intimat;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------